MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 282/2000/1

**Paul u Anna konjuġi Portelli.**

**-vs-**

**Emanuel Scerri u b'digriet ta' l-14 ta' Ottubru, 2002 interveniet fil-kawża Middle Sea Insurance plc in statu et terminis.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-15 ta' Frar, 2000 li permezz tagħha l-atturi ppremettew:

Illi fl-20 ta' April, 1998 għal xi s-1.30p.m., waqt li l-attur Paul Portelli kien qed isur *car* Hyundai Lantra Nru. DVM 001 ġo Notabile Road, Attard, fid-direzzjoni tal-Belt, b'martu l-attriċi Anna Portelli bħala *front seat passenger*, kien involut f'inċident

awtomobilistiku mal-*car* Mercedes Nru. LAI 471 misjuqa mill-konvenut li ħarġet minn De Paule Avenue, triq laterali senjalata bi *stop sign* (Dok A);

Illi bħala konsegwenza ta’ l-inċident, l-atturi ġarrbu *damnum emergens* u *lucrum cessans* dan tal-aħħar peress illi t-tenjn li huma sofrew ġrieħi gravi fil-persuna tagħhom tant li qed ibatu minn debilitajiet ta’ natura permanenti (Dok. B sa Dok. J);

Illi għall-inċident u konsegwenzjali danni kien jaħti unikament il-konvenut minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti;

Illi l-konvenut – interpellat biex jagħmel tajjeb għad-danni subiti mill-atturi – baqa’ inadempjenti;

Għalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandhiex;

1. tiddikjarah unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku fuq riferit u għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-istess ġarrbu l-atturi;

2. tillikwida dawn id-danni tal-atturi occorrendo bl-opra ta’ periti nominandi;

3. tikkundannah iħallas lill-atturi dak l-ammont li jiġi dikjarat bħala dovut in linea ta’ danni.

Bl-ispejjeż – kompriżi dawk tal-ittra interpellatorja tal-10 ta’ Settembru, 1999 – kif ukoll l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali preżentata kontestwalment ma’ dan l-att għan-notifika tal-kumpanija ta’ assikurazzjoni tal-vettura tal-konvenut bl-odjerni proċeduri a tenur tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta’ Malta – u bl-imgħax skond il-liġi, kontra l-konvenut li huwa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat naqas li jippreżenta nota ta' l-eċċezzjonijiet.

Rat id-digriet ta' l-14 ta' Marzu, 2002 illi permezz tiegħu s-soċjeta' assikuratriċi tal-konvenut ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' intervenuta Middle Sea Insurance plc ippreżentata fil-31 ta' Ottubru, 2002 li permezz tagħha eċċepiet;

1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż peress li l-kolliżjoni in kwistjoni ma ġratx minħabba negliġenza, imperizja, traskuraġni u naqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenut assigurat Emanuel Scerri, kif allegat fiċ-ċitazzjoni, iżda ġara tort unikament tal-attur.

2. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni tas-soċjeta' interventuta maħlufa minn Gabriella England, I.D. nru. 20676(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-rapport ta' l-esperti mediċi.

Rat il-verbali tas-seduti u d-dokumenti kollha esebiti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Lulju, 2006 li permezz tagħha l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qed jitolbu d-danni kompriżi danni fuq il-persuna tagħhom li ġraw in konsegwenza tal-ħabta li ġrat fl-20 ta' April, 1998 bejn il-vettura DVM-001 misjuqa mill-attur u dik LAI-471 misjuqa mill-konvenut. Dan ta' l-aħħar, permezz tas-soċjeta'

assikuratriċi tiegħu, qed jikkontesta r-responsabilita' u allura li għandu jħallas dawn id-danni.

**<u>Responsabilita'</u>**

Dwar ir-responsabilita' din il-kawża ftit tippreżenta problemi u dan għaliex il-konvenut injora sinjal biex jieqaf (*Stop Sign*) li kien hemm fit-tarf tat-triq illi minnha kien qed jisporġi. Dan is-sinjal huwa indikat fl-iskizz. Il-konvenut qal li waqaf meta ġie biex joħroġ iżda ma rax lill-vettura ta' l-attur illi skond hu sabha fuqu iżda dan ifisser biss li ma qagħadx attent biżżejjed biex ikun ċert li l-manuvra tiegħu ma kinitx se tkun ta' periklu għall-passanti fit-triq prinċipali.

Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża <u>John Refalo nomne vs Vincent Busuttil</u> (deċiża fit-22 ta' Gunju, 1979); "*At a stop sign you <u>must</u> stop. You must not then drive on and enter a major road until you can do so without causing danger.*" (Mill-manwal 'Driving' - paġna 94.) Il-Qorti ċċitat ukoll il-manwal 'Law on Collisions' (Isaacs and Laveson) f'paġna 24 li jgħid; "*Even though the driver on the thorough road has not got an absolute right of way, yet he is entitled to assume that other drivers will comply with the ordinary rules of the road.*"

Fil-każ in eżami, anke kieku ma kienx hemm dan is-sinjal kien jinkombi fuq il-konvenut illi jara li ma jkunx ta' periklu meta joħroġ għal ġot-triq manifestament prinċipali.

Għalhekk il-konvenut ma jista' b'ebda mod jiskolpa ruħu mill-inċident li tiegħu huwa unikament responsabbli.

**<u>Danni</u>**

Fil-verita' l-iktar kwistjoni dibattuta f'din il-kawża hija dwar id-danni pagabbli lill-atturi. Il-Qorti qabel xejn trid tiddikjara illi hija tissimpatizza ħafna ma' l-atturi, speċjalment l-attriċi illi sofriet danni konsiderevoli fuq persuntha b'riżultat ta' l-inċident. Ma hemmx dubbju li l-inċident biddel ħajjet l-atturi

għall-agħar u għalhekk il-Qorti trid tipprova tagħmel ġustizzja biex jiġu kompensati kif jixraq għal dak li ġara ċertament mhux b'tort tagħhom.

Fl-istess ħin pero' l-Qorti tħossha marbuta mal-parametri tal-liġi u l-ħurisprudenza tagħna meta tiġi biex takkorda d-danni. L-ebda Qorti ma tista' tikkumpensa biżżejjed per eżempju familjari ta' vittma ta' inċident fatali u l-ħlas li jiġi akkordat ikun biss tentattiv ta' kumpens għal sitwazzjoni li għaliha kumpens reali ma jkunx hemm. Dan l-inċident għalkemm fortunatament mhux fatali, ġab miegħu konsegwenzi koroh ħafna fuq l-atturi u l-Qorti konvinta li ma humiex qed jesaġeraw dwar dawn il-konsegwenzi. Fl-istess hin pero' il-Qorti konsapevoli li trid tiddeċiedi l-ammont ta' danni pagabbli skond id-diversi parametri stabbiliti l-iktar fil-ġurisprudenza u huwa forsi l-waqt li l-leġislatur iħaffef xi ftit dan l-oneru fuq il-Qorti billi jagħti xi indikazzjonijiet dwar sitwazzjonijiet simili.

## Provi

Il-Qorti se tibda biex telenka l-provi li tressqu fir-rigward tad-danni. L-atturi esebew maċ-ċitazzjoni ċertifikat rilaxxat minn Dr. Norbert Vella (newrologu) illi ċċertifika disabilta' ta' ħmistax fil-mija (15%) lill-attur u ta' Dr. Raymond Gatt (ortopediku) illi stabilixxa l-istess disabilita'. Fir-rigward ta' l-attriċi dawn kienu ta' erbgħin fil-mija (40%) skond Dr. Vella fir-rigward ta' disabilita' nueroliġika u sebgħa fil-mija (7%) skond Dr. Gatt fir-rigward ta' disabilita' ortopedika; Dr Adrian Agius (ENT) stabilixxa għoxrin fil-mija (20%). Ġew esebiti mbagħad diversi dokumenti u ċertifikati.

L-attriċi xehdet l-ewwel darba a fol 54 *et sequitur* tal-proċess u wara li spjegat l-inċident tat rendikont tal-kura li ħadet; importanti jingħad illi a fol 58 hija qalet li ġiet informatha li ma kienx hemm kura għal dak li kellha fix-xedaq minħabba l-inċident u għalhekk fittxet kura l-Ingliterra. Spjegat ukoll kemm il-darba telgħet l-Ingilterra għall-kura. Xehed imbagħad il-konsulent Dr. Vella fuq imsemmi illi kkonferma ċ-ċertifikat li

rrilaxxa a fol 15; Dr. Agius li għamel l-istess ħaġa; Dr. Gatt ikkonferma d-dokument a fol 12.

L-attur xehed a fol 112 u wara li spjega kif ġara l-inċident, qal li d-danni fil-vettura tiegħu ammontaw għal tmien mija u sittin Lira Maltin (Lm860). Ġie esebit rapport mediku minn Dr. Anthony Galea Debono li kien ġie inkarigat mid-ditta assikuratriċi Middle Sea (fol 135); huwa qal li r-rata indikata minn Dr. Vella ta’ erbgħin fil-mija (40%) ma kinitx fi kliemu *unreasonable* għalkemm indika li d-disabilita’ totali (fis-sens li ġew mgħoddija r-rati kollha indikati fil-varji esperti) kif indikata mill-ispeċjalisti mqabbda mill-istess soċjeta’ kienet ta’ disgħa u erbgħin fil-mija (49%). Dr. Frederick Zammit Maempel ukoll inkarigat minn Middle Sea ikkonkluda illi ortopedikament ma kienx hemm effetti permanenti mill-inċident fir-rigward ta’ l-attriċi, waqt li l-attur kellu disabilta’ ta’ ħamsa fil-mija (5%).

Xehed Dr. Mark Diacono, kirurgu orali, li daħal f’dettal kbir dwar il-problemi ta’ l-attriċi f’ħalqha u senjatament fix-xedaq (fol 148). Skond ix-xhud f’Malta ma hawnx speċjalisti ta’ esperjenza esklussivament fix-xedaq u kien hemm ftit l-Ingliterra, kompriż dak li kienet qed tikkura ruħha għandu l-attriċi. Skond hu, it-trattament li għandha bzonn l-attriċi jista’ jfisser trattament speċjali kull sentejn għalkemm hija qatt ma hija se tfieq, anzi tista’ tmur għall-agħar. Xehed imbagħad Dr. Galea Debono fuq iċ-ċertifikat illi rrilaxxa. Skond ix-xhud erbgħin fil-mija (40%) ma kinitx esaġerata bħala numru u qal li l-unika spiża rikorrenti li kien se jkollha l-attriċi kienu fir-rigward tal-problemi dentali. Meta qal li erbgħin fil-mija (40%) ma kinitx esaġerata kien qed jirreferi li jekk l-attriċi titlob erbgħin fil-mija (40%) id-ditta assikuratriċi setgħet tħallas. Wara reġgħet xehdet l-attriċi dwar spejjeż li kienet reġgħet għamlet.

Rappreżentant ta’ Gasan Insurance ikkonferma li huma ħallsu l-ispejjeż tal-vettura u ġew rimborżati mid-ditta assikuratriċi tal-konvenut (fol 204). L-atturi esebew numru ta’ dokumenti oħra a

fol 212. A fol 233 indikaw il-pretensjonijiet tagħhom wara li għalqu l-provi tagħhom.

L-atturi qed jitolbu ukoll li jiġu mħallsa għall-ispejjeż li se jinkorru billi se jinstallaw *lift* fil-post tar-residenza tagħhom u xehed fuq hekk l-AIC David Pace (fol 271). Wara, reġgħu xehdu l-atturi.

Minn naħa ta' l-intervenuti ttellgħu bħala xhieda is-Sur Charles Messina li huwa *Advisor* tad-dipartiment tas-saħħa, il-Professur Hector Galea u rappreżentant tas-Supretendent ta' l-Isptar Dr. Alex Azzopardi. Is-Sur Messina (fol 392A) qal li d-dipartiment jibgħat pazjenti għall-kura barra minn Malta meta jkun hemm talba mill-konsulent in kwistjoni; hemm bord apposta li jiddeċiedi. Ma rriskontra ebda domanda mill-attriċi fir-rigward.

Il-Professur Galea, illi huwa professur tad-dentistrija, investiga l-karti kliniċi ta' l-attriċi u kkonkluda li mil-lat li tiegħu hu speċjalista u cioe' dik *facio maxillary*, id-disabilta' ta' l-attriċi hija ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%). Ippreċiza illi hija issofri tlett problemi prinċipali u cioe', il-limitazzjoni biex tomgħod u allura nuqqas ta' tegħma ta' xi ikel, inabilita' biex tuża ħalqha għal skopjiet iġeniċi u l-effett negattiv psikoloġiku fuq il-benesseri u l-mod kif tgħid (fol 403). Qal illi meta kkalkola d-disabilita' kien ħa in konsiderazzjoni ċerti spejjeż tal-kura li jkollha tieħu tul ħajjitha. Ma kkalkolax pero' per eżempju spejjeż ta' traġitt (fol 416). Qal illi fil-fehma tiegħu l-aħjar trattament li kellha tieħu l-attriċi kien l-hekk imsejjaħ *conservative treatment* illi seta' jsir anke Malta (fol 421). Għandu jingħad illi l-Professur Galea ta esposizzjoni mill-iktar erudita tal-problemi dentali li sofriet l-attriċi u t-trattamenti indikati.

Dr. Azzopardi, li hu *Chairman dentistry and consultant dentist*, qal li fl-Isptar San Luqa isir treatment tat-TMJ kif anke jsir fi sptarijiet privati f'Malta. Qal li l-attriċi ngħatat trattament simili l-Isptar San Luqa.

Is-soċjeta' intervenuta talbet l-isfilz tad-dokumenti esebita mill-attriċi fis-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2005 stante li kienet gia' iddikjarat illi għalqet il-provi u l-Qorti laqgħet din it-talba fl-aħħar seduta tal-5 ta' Lulju, 2006. F'dik is-seduta l-Qorti caħdet pero' talba ta' l-istess soċjeta' biex jiġi nominat espert dwar il-wiċċ billi gia' kellha rapporti mediċi li jinkludu l-wiċċ.

**<u>Likwidazzjoni tad-danni</u>**

Qabel xejn il-Qorti tagħmilha ċara li meta ordnat lill-atturi biex jippreżentaw prospett tad-danni li kienu qed jirreklamaw (li sar a fol 233) dan kien sar fl-għeluq tal-provi tagħhom; kull dokument li ġie prodott wara għalhekk ġie sfilzat permezz tad-digriet imsemmi tal-5 ta' Lulju, 2006 u għalhekk ma hux se jiġi konsidrat għal skop ta' likwidazzjoni. Il-Qorti għalhekk se teżamina d-dokument imsemmi a fol 233 u tindika x'se tilqa' u x'se tirrifjuta u kif se tasal għal-likwidazzjoni finali.

Bħala prinċipju l-Qorti taqbel li għandha takkorda bħala danni dak li gia' sofrew l-atturi anke jekk forsi parti minnhom setgħu ġew evitati *with hind sight.* Ma tistax pero' takkorda danni għal spejjeż mediċi illi huma qed jgħidu li se jsofru fuq firxa ta' tletin sena; huma se jiġu kompensati għad-disabilita' kif se jidher iktar 'il quddiem. Is-sentenzi ċitati mill-atturi fin-noti tagħhom ma jfissrux li fil-każ odjern l-atturi huma intitolati għal dawn il-ħlasijiet, speċjalment kif gia' ingħad ladarba ġie kkonfermat li trattament adekwat jista' jsir Malta mingħajr ħlas jew b'ammont ferm inqas ta' spejjeż. Barra minn dan hemm differenza bejn kura li l-attur ikun gia' ħa barra minn Malta minn prospett ta' kura fil-futur li jkopri medda daqshekk kbira ta' żmien. F'każi bħal dawn il-Qorti għandha takkorda biss bħala danni dak li jkun gia' ġie soffert u dak li għallinqas ikun inkombenti u imminenti – u anke dan huwa dibattibli ladarba l-attur ikun se jkun kompensat għad-disabilita'.

Bħala *damnum emergens* l-atturi qed jitolbu s-somma ta' għaxart elef, sitt mija u erbgħa u għoxrin Lira Maltin

(Lm10,624); u dawn jidhru ġustifikati għax għalkemm jidher li

l-kura setgħet fil-fatt ingħatat Malta, wieħed ma jlumx lill-atturi li tenut kont tal-gravita' tal-kondizzjoni ta' l-attriċi fittxew soluzzjoni barra minn pajjiżna. Madankollu ċertament il-Qorti m'hijiex se takkorda ħlasijiet għal trattamenti simili fuq perjodu ta' għoxrin sena kif qed jitolbu huma. Din it-talba ma għandha ebda riskontru legali speċjalment tenut kont tal-provi li nġabru permezz tax-xhieda tal-Professur Galea u Dr. Azzopardi. Għalhekk fil-waqt li l-Qorti se takkorda s-somma ta' ħames mija u disgħa u disgħin Lira Maltin (Lm599) (Dok MTCUK 1) u elf, sitt mija u tlieta u tmenin Lira Maltin (Lm1,683) (TUK1) minfuqa l-Ingliterra għall-konsulenza, m'hijiex se takkorda iktar minn hekk fir-rigward. It-talbiet l-oħra dwar spejjeż mediċi indikati f'paġna 233 jidhru pero' ġustifikati u għalhekk is-somma msemmija ta' għaxart elef, sitt mija u erbgħa u għoxrin Lira Maltin (Lm10,624) se tiġi akkordata.

Il-Qorti pero' ma tistax taċċetta t-talba għall-installar tal-*lift* għaliex l-ewwelnett l-attriċi ma jirriżultax li sofriet disabilita' permanenti ortopedika u f'kull każ l-atturi kienu gia' bnew darhom bl-intenzjoni illi jistallaw *lift* u għalhekk din hija spiża li kien fi ħsiebhom jinkorru. Wieħed ma jistax allura japprofitta ruħu minn dak li ġara biex jieħu l-*lift gratis*. Fir-rigward tat-talba ta' l-attur biex jingħata elf Lira Maltin (Lm1,000) minħabba inabilita' li jittratta annimali, *una volta* se jieħu kumpens għal disabilita' permanenti din se tkun inkluża. Ma jirriżultax lanqas li sofra telf ta' ħamest elef u ħames mitt Lira Maltin (Lm5,500) fuq ix-xogħol kif qed jitlob. Ġustifikata pero' hija t-talba ta' elf Lira Maltin (Lm1,000) għal vettura alternattiva (Lm1000 Dok. CAR1 u CAR2).

Anke fir-rigward tat-talba għal ħlas għal għajnuna fid-dar, din hija palesament inġustifikata – kif gia' ingħad l-attriċi ma għandhiex disabilita' mill-lat ortopediku. Ċertament *multo magis* ma għandha ebda fondament ġuridiku t-talba biex jingħataw tali kumpens kalkolat fuq għoxrin sena.

Rigward l-ispejjeż rikorrenti għal *hearing aids* u *electric tooth brushes*, dawn jidhru ġustifikati billi ma hemmx dubbju li l-

attriċi se jkollha tixtrihom u għal dan l-iskop il-Qorti se takkorda rispettivament erbgħin Lira Maltin (Lm40) għal wieħed u għoxrin Lira Maltin (Lm21) għal ħamsa u għoxrin (25) sena, b'kollox elf, ħames mija u ħamsa u għoxrin Lira Maltin (Lm1,525). It-talba pero' biex tillikwida d-danni għal mediċi u *tests* u *consultations* għal ħamsa u għoxrin (25) sena ukoll m'hix ġustifikata, kif m'hijiex ġustifikata t-talba a fol 236 għat-trattament fl-Ingliterra għat-tletin (30)sena li ġejjin. Għalhekk it-total ta' danni reali pagabbli lill-atturi għandu jkun tnax il-elf, seba' mija u disgħa u tmenin Lira Maltin (Lm12,789) li hija pagabbli lill-atturi flimkien bħala ħlas lill-komunjoni ta' l-akkwisti presumibilment eżistenti bejniethom.

Kwantu għal *lucrum cessans* li jiġu bażati fuq il-prinċipji stabbiliti mill-Qorti ta' l-Appell fl-1967 fil-kawża Butler vs Heard billi l-atturi huma liberi professjonisti (l-attur veterinarju u l-attriċi spiżjara) ftit hemm fuqhiex wieħed jikkalkola l-qligħ speċjalment dak ta' l-attriċi li wieħed jifhem billi għandha familja żagħżugħa bħalissa ftit tista' tipprattika l-professjoni tagħha, ħaġa li pero' tista' tagħmel fil-futur. Għalhekk is-somma bażi ta' l-attur indikata fin-nota a fol 236 u cioe' disat elef Lira Maltin (Lm9,000) tidher raġonevoli, fil-waqt li fir-rigward ta' l-attriċi l-Qorti se taħdimha fuq sebat elef Lira Maltin (Lm7,000). Iż-żewġ *multipliers* se jkunu fuq l-iskorta ta' sentenzi oħra ta' din il-Qorti kif preseduta, għoxrin (20) sena u ħamsa u għoxrin (25) sena rispettivament, tenut kont l-eta' ta' l-atturi, u cioe' tlieta u erbgħin (43) sena l-attur u sitta u tletin (36) sena l-attriċi.

Fir-rigward ta' l-attur ġie stabbilit li huwa għandu disabilta' ta' ħamsa fil-mija (5%) skond Dr. Zammit Maempel u ħmistax fil-mija (15%) skond Dr. Gatt *ex parte* u għalhekk il-Qorti se taħdem fuq għaxra fil-mija (10%). Il-Qorti se tnaqqas mis-somma bl-għaxra fil-mija (10%) minflok is-soltu għoxrin fil-mija (20%) għal ħlas f'daqqa, għalkemm

id-dewmien tal-kawża ma kienx imputabbli lill-konvenut għaliex il-fatt jibqa' li l-atturi se jkunu damu sitt (6) snin biex jieħdu s-sentenza u l-ammont finali jiġi sittax il-elf u mitejn Lira Maltin (Lm16, 200).

Fir-rigward ta' l-attriċi jidher li l-iktar persentaġġ aċċettabbli huwa l-kumpless ta' erbgħin fil-mija (40%) indikat minn Dr. Galea Debono; għalhekk sebat elef Lira Maltin (Lm7,000) multiplikat b'erbgħin fil-mija (40%) għal ħamsa u għoxrin (25) sena u mnaqqsa b'għaxra fil-mija (10%), li jammontaw għal tlieta u sittin elf Lira Maltin (Lm63,000).

**Għaldaqstant il-Qorti fil-waqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' intervenuta fil-kawża tilqa' t-talbiet attriċi u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma ta' tnax il-elf, seba' mija u disgħa u tmenin Lira Maltin (Lm12,789) flimkien; is-somma ta' sittax il-elf u mitejn Lira Maltin (Lm16,200) lill-attur u s-somma ta' tlieta u sittin elf Lira Maltin (Lm63,000) lill-attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut; is-soċjeta' intervenuta għandha tħallas l-ispejjeż tagħha.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------